MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1807/2004

**Lino Pace Bonello**

**Vs**

**Ahmed Ashraf**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mija u sebgha u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm197.89c) rapprezentanti danni subiti minnu fil-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni GAB 619 f’incident tat-traffiku li sehh ic-Cirkewwa fit-28 ta’ Mejju, 2004 waqt li l-konvenut kien qed isuq ix-xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni EBY 577.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi mhux minnu li huwa kkommetta xi danni fil-karozza GAB 619 proprjeta' ta' l-attur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Lino Pace Bonello, Anthony Azzopardi, Warden 174 Jesmond Buttigieg u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Richard Galea Debono ghall-attur u ta' Dr Frank Cassar ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi dakinhar ta' l-incident il-konvenut kien qed isuq ix-xarabank EBY 577 lejn ic-Cirkewwa u l-attur kien qed isuq karozza GAB 619 u kien miexi warajh. L-attur kien ilu miexi wara l-konvenut mill-bajja tal-Mellieha u billi x-xarabank kellha *indicator* li jindika li ser iddur lejn il-lemin, l-attur ma hax ir-riskju li jissurpassah izda baqa' miexi warajh. Huwa ma kienx mghaggel u ghalhekk ma kienetx ta' diffikulta' ghalih.

Meta x-xarabank waqfet ic-Cirkewwa kien hemm passiggier fuq ix-xarabank u dan nizel. Hawnhekk jibdew ma jaqblux il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa. L-attur jghid illi waqt li huwa kien wieqaf wara x-xarabank huwa nnota illi xeghlu r-*reverse lights* u daqq il-horn. Huwa mbaghad sema' hoss ta' *gear* qieghed jigi ngaggat u li x-xarabank beda jirriversja u rega' daqq il-horn izda x-xarabank xorta wahda dahal go fih.
Da parti tieghu l-konvenut jghid illi huwa waqaf u kellu passiggier wiehed. Dan il-passiggier nizel u sema' horn izda ma tax kaz ghax ma basarx li l-horn kien indirizzat ghalih. Huwa beda jsuq u rega' sema' l-horn u ghalhekk waqaf u nizel biex jara x'gara. Huwa kien ga hares miz-zewg mirja tal-gnub izda ma seta' jinnota xejn ta' rilevanza izda meta nizel induna li kien hemm karozza warajh.

Meta nizel, l-attur beda jallega li l-konvenut dahal go fih, izda l-konvenut cahad. Il-vetturi baqghu kif kienu sakemm gie l-Warden u ghamel l-isketch u r-rapport.

Xehed ukoll Anthony Azzopardi li qal li huwa kien passiggier fuq dan ix-xarabank partikolari u li fil-fatt kien induna li x-xarabank ser jirriversja u nduna bil-kollizjoni u bazikament ikkonferma l-verzjoni li ta l-attur. Huwa dak il-hin ma tkellimx izda baqa' sejjer u qabad il-vapur ghal Ghawdex, izda ftit xhur wara ltaqa' ma' l-attur kumbinazzjoni r-Rabat u staqsih kif baqghu u kien hemm li l-attur induna li dan Azzopardi seta' kien xhud.

Il-konvenut jghid li wara li Azzopardi xehed fil-kawza huwa ltaqa' mieghu l-Belt Valletta u jghid li Azzopardi qallu li kien irrabbjat li tela' jixhed ghaliex hu haseb li huwa kellu biss jiffirma bicca karta u xejn aktar.

Fid-dawl ta' dan il-kunflitt fil-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa t-Tribunal ihoss illi s-segwenti fatturi ghandhom jinghataw importanza:

1. Illi fl-ewwel lok, wara li l-konvenut sema' l-ewwel horn, huwa hares fiz-zewg mirja tal-gnub tax-xarabank u ma nduna b'xejn, sahansitra lanqas induna li kien hemm karozza warajh.

2. It-tieni fattur huwa l-fatt li jirrizulta li l-horn indaqq f'zewg okkazjonijiet. Dan jikkombacja perfettament mal-verzjoni li ta l-attur fis-sens illi ma kienx ikun hemm skop li l-attur jibqa' jdoqq il-horn kieku l-kollizjoni sehhet kif qed jallega li setghet sehhet il-konvenut.

3. Sahansitra l-konvenut jipprova jigbed dubju jekk verament kienx hemm kollizjoni ghax jghid li fix-xarabank ma kellu l-ebda hsara izda t-Tribunal ezamina bir-reqqa r-ritratti esebiti u jidher car illi l-hsara fil-vettura ta' l-attur tikkombacja perfettament mal-parti sporgenti tal-*bumper* tax-xarabank u ma jara xejn rimarkabbli ghall-fatt illi fuq din il-parti tal-*bumper* ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni ta' hsara.

4. Id-daqqa in kwistjoni kienet ta’ entita’ zghira li tikkombacja perfettament max-xhieda ta’ l-attur li jsostni li x-xarabank nizlet bil-mod ghal fuqu. Id-daqqa mhix ta’ xi entita’ kbira izda hija semplicement ghafsa fuq in-naha ta’ quddiem.

It-Tribunal ma tantx hassu mpressjonat b’dak li xehed il-konvenut meta qal illi huwa hares fiz-zewg mirja u ma ndunax li kien hemm karozza warajh.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti senjatament mix-xhieda moghtija miz-zewg sewwieqa nvoluti, jidher car li l-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar verosimili u dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex il-verzjoni ta’ l-attur tinsab korroborata mix-xhieda ta’ Anthony Azzopardi izda wkoll mill-fatt illi parti mill-istess xhieda ta’ l-attur hija korroborata mill-istess konvenut in parte w anki minn dak li hemm imnizzel fid-*driver’s statement* fir-rapport imhejji mill-Warden fejn *a tempo vergine* l-attur qal hekk:

“Miexjin wara xulxin f’daqqa wahda waqafli jien waqaft warajh. F’daqqa wahda l-vettura qabdet u rriversjat fuq quddiem tieghi. Is-sid tal-vettura ammetta mieghi li rriversja sabiex jidhol fil-lane tal-linja u s-sid tat-trakk ammetta mieghi li ma ranix.”

Illi dwar il-verzjoni li ta l-konvenut dak il-hin hemm miktub hekk:

“Kien hemm karozza quddiemi u kif gejt biex insuq smajt horn warajja u waqaft u nzilt niccekkja u nsib il-vettura GAB 619 taht it-trakk.”

Illi huwa rilevanti jinghad illi f’din il-verzjoni li ta l-konvenut dak il-hin stess lill-Warden il-konvenut ma cahadx li rriversja u wisq anqas ma cahad li l-vetturi laqtu lil xulxin. Kien biss quddiem dan it-Tribunal li beda jsostni dawn l-affermazzjonijiet izda t-Tribunal ma kienx daqstant impressjonat bihom.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-responsabbilta’ unika ghall-kollizjoni hija s-sewqan tal-konvenut li ntenta

manuvra ta’ riversjar meta ma kellux vizwali tajba. Sahansitra lanqas biss induna li kien hemm karozza warajh.

Ghar-rigward tad-danni, dawn jinsabu debitament korroborati mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti u ghalhekk jisthoqq li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u sebgha u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm197.89c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------